MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 695/2004

**Norman Spiteri [ID 717339 M]**

**vs**

1. **EPS Ltd. Numru ta' registrazzjoni C 14136**
2. **Christopher Drago**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenuti solidament bejnithom ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tliet mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm2,333), import ta' *cheque* numru 5643 datat 16 ta' Ottubru, 2003, fuq il-firma tad-direttur tal-kumpanija konvenuta, cioe' il-konvenut Drago, migbud fuq il-Bank of Valletta plc, liema *cheque* gie konsenjat mill-konvenut Drago lill-attur, izda li sussegwentement il-konvenut Drago frawdolentement informa lill-bank illi c-*cheque* kien intilef, u ghalhekk il-bank waqqaf il-pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-12 ta' Jannar, 2004 u bl-imghax mis-16 ta' Ottubru, 2003, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenuti jwiegub ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-18 ta' Ottubru, 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti solidament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------